

# *Mons. Rafel Capurro*
## *(1879-1966)*

**Qassis Senglean isir it-tieni Kappillan ta' Stella Maris**

*minn Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic*

Kien nhar it-28 ta' April 1853 li f'Tas-Sliema, ir-raħal ta' ħdejn il-baħar, tqiegħdet l-ewwel ġebla, minn Mons. Vincenzo Chapelle, Vigarju tad-Djoċesi, ta' knisja ġdida li kienet qed tinbena bil-kontribuzzjonijiet tal-villeġġjanti u ta' ċittadini oħra.[1]

Il-knisja kienet lesta minn kollox f'inqas minn sentejn u ġiet miftuħa u mbierka, mill-istess Mons. Chapelle, nhar il-11 ta' Awwissu 1855 taħt it-titlu ta' Nostra Signora Stella Maris.[2] L-ewwel festa ġiet ċċelebrata l-Ħadd, 19 ta' Awwissu 1855 b'quddiesa sollenni minn Mons. Lwiġi Fernandez u bl-orkestra taħt it-tmexxija tas-surmast ċelebri Mro. Vincenzo Bugeja.[3]

Il-popolazzjoni f'Tas-Sliema kompliet toktor dejjem iżjed. Filwaqt li nħass il-bżonn li l-unika knisja tal-post tiġi mkabbra, deher li l-bżonnijiet spiritwali tal-popolazzjoni, ma kinux moqdija biżżejjed. Inkiteb hekk: "nisperaw li l-maħbub Isqof tagħna jara kif qiegħda tiżdied il-popolazzjoni ta' dan ir-raħal minn ġurnata għall-oħra u jogħġbu jgħolli l-knisja għal Viċi-Parroċċa kemm għall-akbar glorja ta' Alla kif ukoll għall-aqwa vantaġġ tal-popolazzjoni devota."[4]



*Mons. Capurro it-Tieni kappillan ta' Stella Maris*

---

[1] Il-knisja tal-katidral ta' Malta kellha biċċa art magħrufa bħala 'Tal-Katidral', u l-Baruni Sceberras, Ġużepp Montanaro, Franġisk Busietta u Dun Ġużepp Gugliani daħlu għall-bini ta' knisja ġdida bil-kundizzjonijiet kollha li għamlilhom il-Kapitlu tal-Katidral. Il-knisja l-ġdida kellha tkun iddedikata lil San Pawl. (Soler, V., "Sliema – Stella Maris," f'Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom, Malta, 1994, p. 121) L-arkitett ta' din il-knisja ġdida kien Giuseppe Bonavia. (L'Ordine, 29 ta' April 1853, p. 4078)

[2] L'Ordine, 17 ta' Awwissu 1855, p. 4561-4562. Dan it-titlu juri rabta mat-titlu ta' knisja ċkejkna li, mill-Viżta Pastorali tal-Isqof Rull, magħmula fit-22 ta' Ottubru 1758, insiru nafu li ġiet mibnija f'Tas-Sliema fl-1741. Mir-rapport tal-Viżta Pastorali, magħmula fl-1781, mill-Isqof Vincenz Labini, naraw li dan l-Isqof sejjaħ lil din il-knisja bħala ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo. (Schiavone, M. (ed.), Teżori fil-Knejjes Maltin, Malta 2010, p. 6) Jingħad ukoll li waqt il-bini tal-knisja, bdew id-diskussjonijiet lil liema qaddis jew qaddisa kellha tiġi ddedikata. Waqt għawma f'Għar id-Dud, u proprju fil-għar, grupp ta' persuni, fosthom xi qassisin, dehrilhom li minħabba l-pożizzjoni topografika ta' Tas-Sliema, hekk f'tarf il-baħar, kien jixraq li l-knisja ewlenija ta' dan ir-raħal tkun iddedikata lil Alla u taħt it-titlu ta' Marija Kewkba tal-Baħar. U hekk sar. (Busietta, M., Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, Malta, 1978, p. 23)

[3] Meta Stella Maris inqatgħet parroċċa għaliha, l-awtorità ekkleżjastika iffissat d-data tal-festa titular tagħha għall-Ħadd ta' fuq it-18 ta' Awwissu, il-jum liturġiku tal-għid ta' Santa Liena. (Ferres, A., Descrizione Storica delle chiese di Malta e Gozo, Malta, 1866, p. 329)

[4] L'Ordine, 27 ta' Awwissu 1858, p. 5196.



Fit-23 ta' Diċembru 1878, Mons. Carmelo Scicluna, Isqof ta' Malta, ħareġ l-editt li bih qata' lill-Knisja ta' Stella Maris mill-Parroċċa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. B'hekk għolla lil din il-Knisja għad-dinjità ta' Parroċċa.[5] Finalment, ix-xewqat tal-poplu ta' Tas-Sliema ġew mogħtija widen.

L-ewwel Kurat tal-parroċċa l-ġdida kien Dun Karm Gerada. Huwa dam imexxi l-parroċċa sat-Tnejn, 21 ta' Jannar 1884 meta Mons. Goffredo Scerri, Vigarju Ġenerali, ta l-pussess lil Dun Franġisk Vinċenz Manchè bħala l-ewwel Kappillan ta' Stella Maris.[6]

Wara l-mewt tal-Kappillan Manchè,[7] nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 1919, sar konkors għall-ħatra ta' kappillan ġdid.[8] L-għada, 19 ta' Frar 1919, Mons. Dom Mauro Caruana OSB, Arċisqof-Isqof ta' Malta,[9] ħatar lil Dun Rafel Capurro bħala kappillan ġdid.[10]

## Iben il-Belt Qatt Mirbuħa

L-uniku iben ta' Ġwanni u Karmena mwielda Savarese,[11] twieled fl-Isla fit-22 ta' Awwissu 1879. L-għada ta' twelidu, huwa ttieħed fil-Knisja Kolleġġjata tal-Isla fejn ġie mgħammed mill-Kan. Dun Benjamin Briffa, Viċi-Parroku. Fil-fonti, huwa ġie msemmi Rafel, Federiku, Benedittu Saverju u Benjamin. Il-parrini tiegħu kienu Federiku Scicluna u ommu (omm Federiku) Karmena.[12]

Huwa studja fis-Seminarju Arċiveskovili. Sa minn ċkunitu wera intelliġenza kbira u kien dejjem minn tal-ewwel fl-eżamijiet l-aktar fil-Latin li baqa' jikkoltiva sal-aħħar jiem ta' ħajtu.[13]

Rafel irċieva l-ordinazzjoni sagra nhar l-14 ta' Diċembru 1904 fil-Knisja Kolleġġjata ta' Marija Bambina fl-Isla.[14] Fl-ewwel għodwa tas-sena 1905 Dun Rafel iċċelebra l-Prima Messa tiegħu fl-istess Kolleġġjata ta' belt twelidu. Ir-Rev. Prof. Dun Giovanni del Ricco kitiblu poeżija sabiħa għal din l-okkażjoni.

Dun Rafel, saċerdot ta' dixxiplina kbira u bniedem ħabrieki, kien predikatur magħruf u mfittex ħafna. Mhux l-ewwel darba li kien jippriedka fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fi żmien ir-Randan. Dan hu xhieda ta' kemm kienet magħrufa l-elokwenza tiegħu.

## Kappillan ta' Ħal Safi

F'Ħal Safi, fl-4 ta' Ottubru 1908, u wara parrokat ta' għaxar snin, miet il-Kappillan Dun Franġisk Sultana. Kważi sena wara, Dun Rafel ġie nominat biex ikun il-kappillan il-ġdid ta' dan ir-raħal ċkejken. Hu ġie mogħti l-pussess fit-18 ta' Awwissu 1909, erbat ijiem qabel ma għalaq 30 sena.[15] Fl-1911, huwa għamel il-paneġierku tal-festa ta' San Pawl f'Ħal Safi.[16] Dun Rafel dam kappillan f'Ħal Safi sa Marzu 1919.

---

[5] Corriere Merchantile Maltese, 26 ta' Diċembru 1878, p. 2.

[6] Manchè, iben Ġużeppi u Marija Ciappara, twieled il-Mellieħa fil-5 ta' April 1852 u fl-1882, kien sar Kappillan ta' Ħad-Dingli u għal xi żmien, kien ukoll direttur ta' skola elimentari fil-Belt Valletta. Bil-ħatra tiegħu bħala Kappillan ta' Stella Maris, beda jinħass, li kienet saret inġustizzja ma' Dun Karm Gerada li kien ilu iżjed minn għoxrin sena jmexxi bħala Rettur tal-knisja u bħala Kurat tal-parroċċa, u għal għaxar snin kien Kappillan tal-Militar Ingliż. (L'Amico del Popolo, 24 ta' Jannar 1884, p. 2) Wara xi snin li spiċċa minn Vigarju-Kurat, Gerada għamel fondazzjoni ta' kanonikat fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta fejn ħa l-pussess fit-8 ta' Frar 1887 (Malta Corriere Mercantile Maltese, 7 ta' Frar 1887, p. 2) Wara marda twila, Dun Karm miet f'tas-Sliema fl-20 ta' April 1891 (Il Risorgimento, 22 ta' April 1891, p. 2)

[7] Manchè miet fis-6.20 a.m. tat-2 ta' Marzu 1918. Ħu ġie midfun f'nofs il-knisja ta' Stella Maris fejn hemm lapida mingħajr ebda skrizzjoni. Fit-trigesima die (f'għeluq ix-xahar) mill-mewt tieghu, fid-9 ta' April, fil-Knisja ta' Stella Maris, sar funeral sollenni għal ruħu. Saret quddiesa minn Mons. Lwiġi Farrugia u orazzjoni funebri mill-Kan. Dun Anton Agius. (Malta Tagħna, 11 ta' Mejju 1918, p. 8)

[8] B'hekk huwa ċar li l-Parroċċa ta' Stella Maris għamlet sena mingħajr kappillan. Sakemm inħatar is-suċċessur tal-Kappillan Manchè, kien hemm Dun Amadeo Bonello li qeda r-rwol ta' Vigarju Kurat. Hawn irid jingħad li f'dan il-perjodu ta' parrokat vakanti, il-Parroċċa ta' Stella Maris saret Matriċi bil-ħatra, fid-29 ta' Settembru 1918, tal-Knisja ta' Sidtna Marija Sacro Cuor bħala parroċċa bl-ewwel kappillan tagħha jkun Patri Lwiġ Attard OFM.

[9] Meta, fl-1928, is-Santa Sede rrestawrat l-Arċidjoċesi residenzjali ta' Rodi, l-Isqfijiet ta' Malta ma setgħux jibqgħu, kif kienu sa mill-1797, simultanjament arċisqfijiet titulari ta' Rodi. Madanakollu, il-grad u l-preċedenza li kien igawdi Mons. Mawru Caruana kienu ġew ippreservati peress li l-Papa Piju XI tah il-permess li jżomm it-titolu personali ta' Arċisqof. (Bonnici, A., History of the Church in Malta, Vol. III, 1975, p. 8)

[10] Il-Ħabib, 25 ta' Frar 1919, p. 2.

[11] Iż-żwieġ bejn Ġwanni Capurro, iben Mattew u Karmena Grima, u Karmena Savarese, bint Refel u Ġwanna Mallia, ġie ċċeleberat fil-Knisja Kolleġġjata tal-Isla nhar is-7 ta' Ġunju 1874 u amministrat mill-Kan. Dun Franġisk Colombo, Arċipriet tal-Isla. Ix-xhieda kienu Ġwanni Abela, iben Salvu, u Ġużeppi, iben Ġwanni Abela. (Parroċċa Senglea, Liber Matrimoniarum, Vol. VII, p. 299)



### Kappillan ta' Stella Maris

Nhar l-Ewwel Ħadd tar-Randan, 9 ta' Marzu 1919, Mons. Angelo Portelli OP, Isqof Titulari ta' Selinonte u Isqof Awżiljarju, ta lil Dun Rafel Capurro l-pussess bħala t-tieni kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema. Is-Sur G. Carabez kitiblu poeżija sabiħa għal din l-okkażjoni.[17] Il-Banda Stella Maris daqqet marċi mat-triqat ta' Tas-Sliema u esegwiet prorgamm mużikali.[18]

Bla ebda dubju, l-ħidma tiegħu f'Tas-Sliema ma kinitx faċli. F'qalb is-Slimiżi kien għad hemm il-Kappillan Manchè. Is-sens ta' rażan li hu kellu, ftit li xejn għamlu popolari fost il-parruċċani. Iżda bil-mod beda jikseb ċerta stima l-aktar bil-ħidma intensiva tiegħu fil-qasam pastorali.

### Pastorali fil-parroċċa

F'Jannar 1923, Dun Amadeo Bonello, il-Viċi Parroku, bl-approvazzjoni tal-Kappillan Capurro, ippreżenta rikors sabiex fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja,[19] l-espożizzjoni Ewkaristika li kienet issir fil-Ħdud, tiġi estiża wkoll għall-ewwel Ġimgħa tax-xahar, u fil-jumejn tal-Karnival. L-Arċisqof Caruana ta l-kunsens tiegħu fid-9 ta' Frar 1923.

Din il-knisja ċkejkna saret is-sede tal-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù u Marija, magħrufa bħala 'Tal-Onorati', li kienet twaqqfet fiha fit-12 ta' Ġunju 1921 bit-tħabrik tal-Prokuratur Legali Alberto Salomone. Il-Kongregazzjoni kienet torganizza kull sena l-Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju, u li kienet tagħlaq b'purċissjoni Ewkaristika.[20]

Il-Kappillan Capurro rsista għat-twaqqif uffiċjali tal-Leġjun ta' Marija f'Tas-Sliema.[21] Lejn l-1935, Monica Walsh, xebba Ingliża flimkien ma' Tessie Agius u Mary Pitrè u bl-inkoraġġiment ta' Mons. Karm Psaila[22] kienu bdew jiltaqgħu fid-dar ta' Mary Pitrè u iżjed 'il quddiem f'dik ta' Tessie Agius. Dawn kienu bdew jgħallmu d-duttrina lit-tfal fil-kappella tas-sorijiet Ursolini, kif ukoll iżuru 'l-morda. Fis-6 ta' Lulju 1939 Mons. Psaila u Tessie Agius marru jkellmu lill-Kappillan Capurro biex jitlob lill-Arċisqof Caruana jagħti lill-għaqda l-għarfien uffiċjali. Meta ra l-entużjażmu msieħeb ma' xewqa għall-appostolat, qal li kien lest li jħallihom jaħdmu fil-parroċċa tiegħu. Fil-21 ta' Awwissu kiteb lill-Arċisqof Caruana fejn talbu biex il-Leġjun ta' Marija jitwaqqaf kanonikament.[23] L-ewwel Praesidium f'Tas-Sliema fetaħ fl-1945.[24]

---

12 Parroċċa Senglea, Liber Baptizatorum, Vol. XIII, p. 525.

13 Leħen is-Sewwa, 2 ta' Lulju 1966, p. 5.

14 Annuario 1906.

15 Micallef, J., L-Istorja ta' Ħal Safi, Malta, 1980, p. 71.

16 Huwa reġa' għamel il-paneġierku tal-festa f'Ħal Safi fl-1958, meta kien Mons. Arċidjaknu tal-Katidral ta' Malta. (Tagħrif mogħti mis-Sur Paul Callus)

17 Il-Ħabib, 11 ta' Marzu 1919, p. 2.

18 Naudi, H., Banda Stella Maris: mitt sena ta' storja, Malta, 2014, p. 34.

19 Din il-knisja, iddedikata lill-Isem Imqaddes ta' Marija, ġiet mibnija għall-ħabta tal-1803 fuq art mogħtija b'xejn minn Giovanna Salvaloco. Din il-knisja għadha wieqfa sal-lum quddiem il-knisja ta' Stella Maris u hi magħrufa mis-Slimiżi bħala l-Knisja ż-Żgħira. (Ferres, A., Descrisione Storica delle Chiese di Malta e Gozo, Malta, 1866, p. 330)

20 Busietta, M., Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, Malta,1978, p. 78.

21 Il-Leġjun ta' Marija, assoċjazzjoni internazzjonali Kattolika rikonoxxuta mill-Papa, ibbażata f'Dublin l-Irlanda bħala moviment Kattoliku Marjan, twaqqaf mill-Qaddej ta' Alla Frank Duff, f'Dublin, l-Irlanda, fis-7 ta' Settembru 1921 u fis infirex mad-dinja kollha. (Buttigieg, C., "Lejn l-ewwel Ċentinarju mit-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija," f'In-Nazzjon, 26 ta' Frar 2016, p. 18)

22 Il-Poeta Nazzjonali.

23 Xahar wara, Mons. Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali, kiteb lil Tessie Agius. Huwa wassal l-apprezzament tal-Isqof iżda rrimarka li kien kmieni wisq biex l-għaqda titwaqqaf kanonikament. (Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Diċembru 2007, p. 16)

24 Busietta, M., Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, Malta,1978, p. 81.



## Anniversarji

Fil-bidu ta' Ottubru 1921, il-Fratellanza tar-Rużarju, iċċelebrat b'solennità kbira il-25 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Minħabba li l-artal tal-kappellun kien ġarrab ħsarat kawża tal-umdità, għall-okkażjoni, kien sar wieħed ġdid li ġie kkonsagrat mill-Arċisqof Caruana.[25] Sena wara, bejn l-14 u s-17 ta' Settembru 1922 kienu ġew imfakkra l-50 sena tal-Pija Unjoni tad-Duluri u il-25 sena tat-Terz'Ordni Servita ta' Marija.[26] Fl-għeluq tal-festi saret translazzjoni li tmexxiet minn Mons. Angelo Portelli O.P., Isqof Awżiljarju, u sar pontifikal solenni mmexxi minn Mons. Arċisqof Caruana. Kif kien xieraq, il-paneġierku sar mill-Kappillan Rafel Capurro.[27]

Fl-1928 il-Parroċċa ta' Stella Maris għalqet ħamsin sena bħala parroċċa, iżda għal xi raġuni, ċ-ċelebrazzjonijiet inżammu sentejn wara bejn is-17 u l-24 ta' Awwissu 1930.[28]
Issa Dun Rafel Capurro kien ilu ħdax-il sena Kappillan ta' din il-parroċċa. Ma jistax jonqos li, f'dawn is-snin, tnisslet fih devozzjoni lejn Marija Kewkba tal-Baħar. Din l-imħabba spikkat l-aktar fil-kliem li kiteb għall-Innu Marċ, fl-okkażjoni tal-festi ċinkwantinarji, Lil Marija Santissima ta' l-Ulied ta' Stella Maris. Il-versi ta' dan l-Innu, li għadu sal-lum jiġi esegwit mill-Banda Stella Maris fuq kompożizzjoni ta' Mro. Antonio Darmanin, huma dawn:

O Kewkba tal-Baħar
Li tisboq kull dija
Omm t'Alla Marija
Tas-Sliema f'riġlejk

O Kewkba tas-saħħa
Li taqsam id-dlam,
Lejk ħares Adam
Mill-bidu tal-qerq.

O Kewkba qawwija
Li tiġbed għal Alla
Fuq tron lilek talla'
Is-sultan tas-Smewwiet.

O Kewkba tal-Knisja
Il-biki u l-ilfiq,
Fil-Port il-mixtieq
Bidilna f'ferħ kbir

O Kewkba tas-Sema
Li tmexxi għall-glorja
Ġieħ tagħna u vittorja
Bħal Ommna ma hemmx.

O Kewkba tal-Baħar
Li tisboq kull dija
Omm t'Alla Marija
Tas-Sliema għalik.

---

[25] Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Diċembru 2006, p. 12.
[26] Il-Pija Unjoni, mibdija minn Dun Vinċenz La Rosa, twaqqfet fit-22 ta' Settembru 1872. Fit-8 ta' Settembru 1892, ġiet mgħollija għal Terz'Ordni b'Reskritt tal-Prijur Ġenerali tal-Ordni tas-Serviti ta' Marija u b'digriet ta' Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Malta, tas-27 ta' Ottubru 1896.
[27] Il-Ħabib, 30 ta' Settembru 1922, p. 2.
[28] Il-Poplu, 20 ta' Awwissu 1930, p. 3.



Il-Kappillan Capurro niseġ ukoll il-paneġierku tal-festa waqt pontifikal sollenni. Dawn il-festi laħqu l-qofol tagħhom fil-festa titulari. Fl-okkażjoni wkoll tal-festi ċinkwantinarji, il-Każin tal-Banda Stella Maris għamel festi kbar u ħa sehem b'marċijiet u programmi mużikali.[29]

Ġalaldarba hawn qed tissemma l-Banda Stella Maris, xieraq jingħad ukoll li meta f'Malta bdiet dieħla l-moda li l-bandisti jkollhom uniformi, din il-banda ma baqgħetx lura milli jkollha uniformi kif jixraq. Din, fil-fatt, ġiet imżanżna nhar l-14 ta' Mejju 1924 u tbierket mill-Kappillan Capurro waqt quddiesa kantata ċċelebrata minnu fil-Knisja Parrokkjali.[30]

Disa' snin wara, u minħabba l-fatt li n-numru ta' bandisti kien kiber sewwa, ġie deċiż li tinxtara strumentatura ġdida. Fit-23 ta' April 1933, il-Kappillan Capurro bierek din strumentatura fil-każin stess. F'dik l-okkażjoni, il-Kappillan ippreżenta standart lill-każin.[31]
Fl-1936 il-kumitat tal-Banda Stella Maris iddeċieda li jsir standart ġdid tal-banda bl-arma tas-Soċjetà fuq sfond ikħal. Dan iżżanżan fil-festa ta' dik is-sena u tbierek mill-Kappillan Capurro.[32]

Fi żmien il-Kappillan Capurro, il-komunità Salesjana, li f'dik il-ħabta kienet tagħmel parti mill-Parroċċa ta' Stella Maris, rat lill-Beatu Ġwanni Bosco, il-fundatur tagħha, jiġi dikjarat qaddis fl-1 ta' April 1934.[33]
F'Mejju tas-sena ta' wara, f'għeluq is-sena mill-kanonizzazzjoni ta' Don Bosco, il-komunità Sależjana fakkret din il-ġrajja.[34] Kif kien xieraq, il-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris kellha sehem kbir f'dawn il-festi. Fost l-oħrajn, fl-1 ta' Mejju ingħata bidu għal tridu sollenni f'ġieħ San Ġwann Bosco. Ghad ta' monsinjuri u prelati, provinċjali u superjuri ta' diversi komunitajiet reliġjużi, mexxew iċ-ċelebrazzjonijiet. Fuq il-pulptu telgħu wħud mill-aqwa oraturi Maltin, fosthom Balzan, Bonnici, Catania, Agius u Paris. Is-Sibt, 4 ta' Mejju, Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex, mexxa translazzjoni tar-relikwja tal-Qaddis u Għasar solenni, u l-ghada sar Pontifikal Sollenni immexxi mill-istess Isqof Gonzi, assistit mill-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta.[35]
Il-paneġierku bit-Taljan għamlu l-Kappillan Dun Rafel Capurro. Dawn il-festi kienu ngħataw prominenza kbira fil-ġurnal tal-Vatikan L'Osservatore Romano. B'aċċenn partikolari fuq il-paneġierku tal-Kappillan Capurro, inkiteb li "suscitava l'ammirazione e la compiacenza della folla che gremiva il tempio..."[36] Il-festi għalqu b'purċissjoni li matulha, fuq karru trijunfali, inġarret statwa ġdida ta' San Ġwann Bosco maħduma minn Wistin Camilleri.[37]

---

29 Naudi, H., Banda Stella Maris: mitt sena ta' storja, Malta, 2014, p. 69.

30 Ibid., p. 41.

31 Ibid., p. 72.

32 Ibid., p. 80.

33 Ġwanni Bosco, imwieled f'Becchi, l-Italja, fil-lejla tas-16 ta'Awwissu 1815 u miet fil-31 ta' Jannar 1888, ġie bbeatifikat f'Ruma mill-Papa Piju XI fit-2 ta' Ġunju 1929. Kien l-istess Papa li kkanonizzah.

34 Dawn il-festi fl-okkażjoni tal-kanonizazzjoni ta' San Ġwann Bosco saru sena wara bil-ħsieb li jikkoinċidu mal-Ġublew tal-Fidda tal-inawgurazzjoni tal-Oratorju Salesjan f'Tas-Sliema. (Bollettino Salesiano, Awwissu 1935, p. 231)

35 F'dik il-ħabta, Mons. Mawru Caruana OSB kien indispost għal raġunijiet ta' saħħa.

36 L'Osservatore Romano, 15 ta' Ġunju 1935, p. 2.

37 Din l-istatwa llum tinsab miżmuma b'għożża fir-Residenza San Filippu tas-Salesjani fl-Isla.



## Parroċċi ġodda

Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Gżira, sa mill-1913, serviet ta' Viċi-Parroċċa ta' Stella Maris. Fil-15 ta' Mejju 1921, Sollennità ta' Għid il-Ħamsin, hija saret Parroċċa. Billi n-nies bdiet tiżdied, inħass il-bżonn li tinbena knisja akbar. Bil-ħidma ħabrieka tal-ewwel Kappillan, Dun Anton Manchè,[38] u bix-xogħol tal-imgħallem is-Sur Antonio Sammut, il-Knisja tlestiet 1935.[39] L-Arċisqof Mauro Caruana, li kellu xi qraba, fosthom missieru Enrico, joqogħdu fl-inħawi ta' Stella Maris, kien qed jipprevedi li l-iżvilupp mgħaġġel ta' Tas-Sliema bilfors kellu jwassal għall-bini ta' knisja oħra. Hu stess xtara biċċa art magħrufa bħala 'Tar-Ramel' mingħand il-Baruni Gino De Piro. Fl-20 ta' Awwissu 1932 tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' din il-knisja ġdida li kellha tiġi ddedikata lil San Girgor il-Kbir fuq xewqa tal-Arċisqof stess.[40]

## Saċerdoti ġodda

Jingħad li s-siġra tingħaraf mill-frott li tagħti u li l-frott ewlieni ta' kull parroċċa huma l-vokazzjonijiet. Il-vokazzjonijiet saċerdotali li ħarġu mill-Parroċċa ta' Stella Maris tul dan il-parrokat huma xhieda ta' dan.
Fl-20 ta' Settembru 1924, id-Djaknu Slimiż Dun Karm Micallef ġie ordnat saċerdot. L-għada, hu ċċelebra l-ewwel Quddiesa Sollenni tiegħu fil-Parroċċa ta' Stella Maris.[41]
Fil-15 ta' April 1925, fil-Kulleġġ Capranica ta' Ruma saret l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Ġwann Mifsud, iben ieħor ta' din il-parroċċa. F'Awwissu 1925 il-parroċċa laqgħet fi ħdanha lil dan is-saċerdot novell.[42] Dun Ġorġ Zammit ġie ordnat saċerdot fl-1929. Hu ddedika ħafna snin minn ħajtu lix-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla.[43]
Nhar id-29 ta' Lulju 1934, id-Djakni Dun Dward Corrado, Dun Ġużepp Inguanez, Dun Ġwann Sciberras u Dun Manwel Zammit ġew ordnati saċerdoti minn idejn l-Arċisqof Caruana. L-erba' saċerdoti ġodda ċċelebraw l-ewwel Quddiesa Sollenni tagħhom f'erba' Ħdud wara xulxin, b'Dun Ġużepp Inguanez ikun l-aħħar wieħed nhar il-Ħadd, 19 ta' Awwissu, li f'dik is-sena ħabat jum il-festa ta' Stella Maris.[44]
Wara l-ordinazzjoni ta' erba' saċerdoti fl-1934, fil-25 ta' Lulju 1937 saret l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Ġużepp Lupi[45] u Dun Ġużepp Mizzi, it-tnejn ulied il-Parroċċa ta' Stella Maris. Dun Ġużepp Lupi għamel l-ewwel Quddiesa sollenni tiegħu fl-1 ta' Awwissu[46] u Dun Ġużepp Mizzi għamel il-Prima Messa fil-15 ta' Awwissu.

---

38 Manchè kien hu Dun Franġisk Vinċenz Manchè, l-ewwel Kappillan ta' Stella Maris.

39 Fil-lejl tal-10 ta' Lulju 1902 tliet baħrin fis-sakra riedu jidħlu jixorbu f'ħanut li kien jinsab fi Triq Manoel. Sid il-ħanut, ċertu Karmenu Brincat, ma riedx jifthilhom għax kien tard wisq. Dawn bdew iwaddbu l-ġebel għat-tieqa u waħda minnhom ġiet fuq kwadru tal-Madonna tal-Karmnu magħluq f'kaxxa tal-ħġieġ u mdendel qrib il-ħanut. Bid-daqqa tal-ġebla l-kwadru tfarrak u x-xbieha tal-Madonna ċċarrtet. Għalkemm dakinhar nefaħ riħ qawwi, il-ġebla baqgħet imqabbda mal-ħġieġ. Il-għada, l-ftit nies li f'dak iż-żmien kienu joqogħdu fil-Gżira marru jirrappurtaw kollox lill-Kappillan ta' Stella Maris. Bil-permess tal-Isqof, tela' qassis mill-Parroċċa ta' Stella Maris u qala l-ġebla u taha lill-kappillan. Il-kwadru ttieħed fil-Parroċċa ta' Stella Maris b'purċissjoni fejn saru tliet ijiem prietki u talb bħala tpattija. Minn dakinhar in-nies bdew isejħulha: Il-Madonna Tal-Ġebla. Il-kwadru reġa ttieħed lura fil-Gżira u tqiegħed f'remissa fejn beda jsir il-quddies.Wara nbniet kappella li kienet tesa' 200 ruħ. Fis-7 ta Lulju 1913, l-Isqof Pietru Pace iddikjara lill-kappella Viċi-Parroċċa. (Said, I, "Madonna tal-Karmnu – Gżira," f'Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom, Vol. I, Malta, 1993, p. 199)

40 Fis-27 ta' Novembru 1940 l-Arċisqof Mawru Caruana ħabbar li din il-knisja kienet ġiet magħżula bħala t-tielet parroċċa ta' Tas-Sliema u Dun Karm Farrugia, diġà segretarju tiegħu, inħatar l-ewwel Kappillan. (Miceli, P., San Girgor – Sliema," f'Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom, Vol. III, Malta, 1994, p. 150)

41 Wara li għadda ħafna snin iservi f'Tas-Sliema, Micallef miet id-Dar tal-Kleru nhar is-7 ta' April 1983 fl-eta ta' 86 sena.

42 Kmieni wara l-ordinazzjoni tiegħu kien ġie maħtur mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi bħala Viċi Rettur tas-Seminarju u aktar tard, okkupa l-kariga ta' Rettur bejn l-1937-1951. Wara, Dun Ġwann ġie maħtur Kanċillier tal-Kurja u Dekan fi ħdan il-Kapitlu Metropolitan. Mifsud miet fl-isptar San Luqa nhar l-20 ta' Awwissu 1981 fl-eta ta' 78 sena.

43 Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Diċembru 2006, p. 13.



**Imwiet ta' saċerdoti**

U bħalma kien hemm saċerdoti ġodda, tul dan il-parrokat ta' 21 sena, il-parroċċa ġarrbet it-telfa ta' erba' saċerdoti li lkoll kienu ta' kalibru għoli ħafna. Nhar it-22 ta' April 1929 miet Mons. Pawlu Vella Mangion. Dan ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1891 u għalhekk, jista' jitqies bħala l-ewwel qassis li ħareġ mill-Parroċċa ta' Stella Maris. Hu serva bħala prokuratur tal-knisja għal numru ta' snin.[47] Nhar it-13 ta' Mejju 1932, miet għall-għarrieda fl-età żagħżugħa ta' 37 sena, Dun Pietru Pawl Grima. Għakemm imwieled Birkirkara fl-1894, fl-1918 mar joqgħod Tas-Sliema. Il-ħidma pastorali tiegħu kienet karatterizzata mill-ħinijiet twal iddedikati għall-qrar, fejn kien magħruf għall-ispiritwalità u l-ġentilezza tiegħu. Ħadem ħafna fost it-tfal fl-Oratorju tas-Sależjani.[48]



*Is-sett tal-qniepen il-ġodda mal-wasla tagħhom f'Awwissu, tal-1937 u mqiegħda fil-bitħa ta' St. Patrick's bi tħejjija għall-konsagrazzjoni tagħhom.*

Monsinjur Enrico Dandria miet nhar it-3 ta' Lulju 1932 fl-età ta' 40 sena fid-dar tiegħu fi Triq il-Katidral, assistit mill-Kappillan Dun Rafel Capurro. Kien predikatur mill-aqwa fejn minbarra fil-lingwa Maltija kien jibbrilla f'dik Taljana u Ngliża - kien isaħħar lil kulħadd bl-oratorja tiegħu. Monsinjur Dandria jista' jitqies bħala l-fundatur tal-Azzjoni Kattolika fi gżiritna, li ħarġet miċ-Cirkolo Gioventù Catolica tal-Belt Valletta. Għalkemm kien batut minn saħħtu, kompla bil-ħidma tiegħu fost iż-żgħażagħ kif ukoll fil-Knisja ta' Stella Maris, fejn kien iqaddes kuljum sa minn meta mar joqgħod Tas-Sliema.[49]

F'Jum il-Ġimgħa l-Kbira, 7 ta' April 1939, miet Dun Ġużepp Busietta. Wieħed fost l-ewwel qassisin ta' Tas-Sliema, Busietta serva għal ħafna snin bħala Vigarju Kurat tal-parroċċa. Kien saċerdot ħabrieki, predikatur magħruf u konfessur imfittex. Meta mis-6 ta' Mejju 1908, ġie mwaqqaf l-Istitut tas-Sależjani, huwa kien wieħed mill-ewwel kollaboraturi billi kien jattendi l-Oratorju regolarment biex jgħallem id-duttrina u jagħti ħafna konferenzi fil-Juventutis Domus.[50]

---

[44] Wara l-ordinazzjoni tagħhom, Dun Dward Corrado u Dun Manwel Zammit bdew jaqdu l-missjoni tagħhom fil-Parroċċa tal-Gżira. Dun Ġużepp Inguanez ħadem għal ftit snin fil-parroċċa, fejn flimkien ma' Dun Ġużepp Lupi poġġa fuq sisien sodi ċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika. Ħadem ukoll fid-Direzzjoni tal-ġurnal Leħen is-Sewwa. Fl-1937 inħatar Kappillan ta' Ħal Kirkop. (Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Marzu 2007, p. 5.)

[45] Sa minn meta kien għadu djaknu, Lupi ħabrek kemm felaħ fost il-ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika. Wara l-ordinazzjoni tiegħu, Dun Ġużepp Lupi kien l-ispiratur ewlieni fit-tmexxija tal-Azzjoni Kattolika ġewwa tas-Sliema. Barra milli kien ta' merti kbar għal Malta fil-qasam tal-Liturġija, Lupi miet bħala Segretarju tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Fejn tidħol il-predikazzjoni, hu stess jirrakkonta kif kien ġie mħarreġ f'dan mill-Kappillan Capurro nnifsu. (Lupi, G., Tifkiriet u Stqarrijiet, Malta, 2002, p. 171-172)

[46] Mons. Lupi nnifsu jikteb: "Il-paneġierku tal-Quddiesa għamilhuli Capurro, u kien jistenna li nofrihulu, għax kellu fama ta' predikatur mill-aqwa; fil-paneġierku qal li dak kien se jkun l-aħħar paneġierku tiegħu, iżda fil-fatt għamel ħafna paneġierki oħra." (Lupi, Ġ., Tifkiriet u Stqarrijiet, Malta, 2002, p. 107)

[47] F'Awwissu 1910 kien ġie nominat Kanċillier tal-Kurja u fl-1928, wara li laħaq Kanonku tal-Katidral, ġie nominat mill-Isqof biex ikun rappreżentant tal-kleru fis-Senat ta' Malta. Ftit xhur wara huwa ddimetta minħabba saħħtu. Miet fl-Imdina u fid-29 ta' April 1929 sar funeral għal ruħu fil-knisja ta' Stella Maris. (Leħen is-Sewwa, 27 ta' April 1929, p. 10)

[48] Kien wieħed mill-aħjar poeti u kittieba tal-Malti. Xhieda tal-imħabba kbira li kellu lejn Tas-Sliema u l-knisja fejn kien iservi, huma l-għanja Lil Tas-Sliema u Innu lil Marija Kewkba tal-Baħar, li kien ġie mmużikat mis-Surmast Giuseppe Camilleri. (Busietta, M., Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, Malta, 1978, p. 100)

[49] Kien magħruf fil-kamp politiku fejn, bejn l-1923 u l-1927, serva bħala Ministru tal-Istruzzjoni Pubblika. Il-funeral, li sarlu fil-Kon-kattidral ta' San Ġwann u fit-toroq tal-Belt, baqa' meqjus bħala wieħed mill-ikbar funerali li qatt rat Malta. (Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Marzu 2007, p. 4)

[50] Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Diċembru 2007, p. 17.



## Opri ġodda

Kif diġà nkiteb, fis-sena 1930, fil-Parroċċa ta' Stella Maris, kienu nżammu l-festi kbar ċinkwantinarji mit-twaqqif tal-parroċċa. Fost l-affarijiet li saru għall-okkażjoni, kien ġie mżanżan pulptu artistiku tal-kawba. Dan kien inħadem mill-ebbanista Alfredo Zarb[51] fuq disinn ta' Giuseppe Vassallo, it-tnejn minn Tas-Sliema. Kif kien xieraq, dan il-pulptu ġie inawgurat mill-Kappillan Dun Rafel Capurro waqt Akkademja Mużiko-Lettererja li nżammet fil-Knisja Parrokkjali fis-17 ta' Awwissu 1930.[52] L-artal maġġur ġie mżejjen b'kanopew u ventartal tal-lama rrakkmati bid-deheb fuq disinn ta' Abram Gatt.

L-istatwa titulari ta' Stella Maris, xogħol verament delikat u li jisraq il-qlub, inġiebet minn Franza fl-1891 u ġiet indurata fl-1915. Fl-1931, erbgħin sena wara l-wasla tagħha f'Tas-Sliema, sarilha bankun ġdid minn Carmelo Borg tar-Rabat, Malta. Id-disinn kien ta' Giuseppe Carabez li ħadem hu stess ix-xogħol tal-iskultura.[53]

Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir sett qniepen ġodda peress li dawk li kien hemm fil-kampnari tal-knisja ma kellhomx l-akkordju meħtieġ. Għalhekk, il-Kappillan Capurro daħal għal dan il-proġett ambizzjuż billi fl-1933 waqqaf kumitat Pro Fondo Campane taħt il-presidenza tas-Sur Vincenzo Portanier,[54] bl-iskop li jinġabru l-fondi neċessarji biex titwettaq din l-opra.[55]

Is-sett ta' ħames qniepen ġew ordnati fl-1937 għand il-fonderija ta' Enrico Bianchi ta' Varese, l-Italja, permezz tas-Sur Ettore Lucia li kien l-aġent lokali tal-fonderija.[56] Il-qniepen kellhom akkordju Quintiade in settima in do maggiore magħżul mill-Professur Maestro Raffaele Antolisei, Sależjan Taljan.[57]

Fl-ewwel jiem ta' Awwissu, tal-1937 il-qniepen waslu Malta fuq il-vapur Donizzetti. Ħafna residenti minn tas-Sliema marru fl-inħawi tal-Port il-Kbir biex jaraw il-vapur diehel. Il-qniepen ittieħdu fil-bitħa ta' St. Patrick's fejn ġew imdendla ma' travu kbir bi tħejjija għall-konsagrazzjoni tagħhom. Il-Ħadd, 8 ta' Awwissu saret iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni minn Mons. Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex. Kif kien xieraq, fid-diskors tal-okkażjoni, il-Kappillan Capurro tkellem dwar il-qniepen u l-importanza tagħhom f'pajjiżna. Kien hu stess li ħa ħsieb il-kliem tal-iskrizzjonijiet ta' fuq kull qanpiena.[58]

Skont drawwa antika, il-ħames qniepen ingħataw ismijiet: il-Kbira - issemmiet Marija Stella; it-Tieni - Marija Dolores; it-Tielet - Maria Rosaria; ir-Raba' - Giuseppina u l-Ħames - issemmiet Carmela, Teresa, Raffaela u kellha bħala parrinu lill-Kappillan Dun Rafel Capurro.[59]

---

51 Zarb studja l-Italja fejn trawwem fl-arti ta' dak il-pajjiż. Kien jispeċjalizza fl-iskultura fl-ebbanu u l-kawba fuq l-istil tas-seklu dsatax. (Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Diċembru 2006, p. 13)

52 Il-pulptu tbierek minn Mons. Paolo Galea, Vigarju Ġenerali u benefattur kbir tal-Parroċċa ta' Stella Maris. (Il-Poplu, 20 ta' Awwissu 1930, p. 3)

53 Busietta, M., Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, Malta, 1978, p. 51.

54 Il-kappillan innifsu kien il-President Onorarju ta' dan il-kumitat.

55 Dawn il-qniepen kienu ġew jiswew £1.189, mingħajr id-dazju. Bla dubju somma konsiderevoli għal dawk iż-żminijiet. Is-Soċjeta Filarmonika Stella Maris, li dejjem ħadmet id f'id mal-parroċċa, għamlet l-ewwel għotja f'din il-kampanja li kienet ta' £25. B'rikonoxximent għal din l-għotja, Dun Karm Micallef, li kien wieħed mill-inkarigati mill-ġbir, kien ippreżenta ritratt kbir ta' dawn il-qniepen. Dan ir-ritratt għadu jitgawda sal-lum fis-sala prinċipali tas-Soċjetà. (Naudi, H., Banda Stella Maris: mitt sena ta' storja, Malta, 2014, p. 85-86)

56 Dun Karm Micallef u Dun Edmondo Tabone kienu ta' spiss iżuru l-fonderija biex jaraw fejn kien wasal ix-xogħol.



Matul il-ġimgħa ta' wara bdew it-tħejjijiet għat-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari. Taħt it-tmexxija ta' Salvatore Calleja, inħattet parti mill-frontispizju u l-kampnar tal-lemin biex tkun tista' tiddaħħal il-qanpiena l-kbira. Is-Sibt, 14 ta' Awwissu, erba' mill-qniepen ittellgħu fil-kampnar. L-għada, l-Għid tal-Assunta, fil-preżenza ta' folla enormi, ittellgħet il-qanpiena l-kbira.[60] Iżjed tard filgħaxija, il-qniepen semmgħu għall-ewwel darba n-noti ferriħija tagħhom waqt il-kant tat-Te Deum. Mill-ewwel kien jidher li s-sett tal-qniepen il-ġodda kien wieħed mill-iżjed armonjużi fil-pajjiż.

Ġimgħa wara, il-Ħadd 22 ta' Awwissu, il-qniepen il-ġodda sellmu lil Sidtna Marija Stella Maris f'jum il-festa tagħha. Bla ebda dubju, din il-ġrajja, li ġiet mogħtija prominenza speċjali fil-gazzetti, kienet ukoll l-aktar waħda memorabbli għall-Kappillan Capurro tul il-parrokat tiegħu fi Stella Maris.[61] Peress li s-somma ta' dawn il-qniepen kienet inġabret u nqabżet bil-qlubija tas-Slimiżi, mill-flus żejda, Dun Rafel ħa ħsieb li jsir sett ġdid ta' Via Sagra fondut fil-bronż. Dan is-sett sar fl-istess fonderija fejn saru l-qniepen, u ġie mżanżan fl-1938.

Il-perjodu bejn l-1930 u l-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija jistgħu jitqiesu bħala għaxar snin fejn fil-knisja u l-Parroċċa Stella Maris seħħew ġrajjiet li kellhom iħallu impatt qawwi fis-snin ta' wara. Kienu snin li raw in-numru ta' residenti jkompli jikber u l-ħajja soċjali tissaħħaħ. Kienu snin li matulhom spikka l-impenn ta' tliet saċerdoti partikolari: Dun Edmondo Tabone, Dun Karm Micallef u Dun Amadeo Bonello. Flimkien mal-Kappillan Capurro, huma kienu b'ruħhom u ġisimhom iddedikati għall-ġid spiritwali u materjali tal-komunità parrokkjali.

## Tibda l-gwerra

Matul it-tieni nofs tas-snin tletin bil-gwerra wara l-bieb, l-awtoritajiet kolonjali riedu jħejju lill-popolazzjoni għal dak kollu li seta' jinqala' - kienu jafu li f'każ ta' gwerra l-influwenza tal-kappillani kien ser ikollha effett kbir fuq il-popolazzjoni. Fl-1938 il-gvernatur Sir Charles Bonham Carter beda jżur il-parroċċi ta' Malta biex juri kemm kien qrib tal-poplu u biex ikun żgur mil-lealtà ta' diversi kategoriji lejn il-Gvern Kolonjali. Nhar il-Ħadd 6 ta' Frar, huwa żar il-Knisja ta' Stella Maris, u wara li ġie mdawwar mal-knisja, il-Kappillan Dun Rafel Capurro, laqgħu fid-dar tiegħu fi Triq Annunzjata fejn, tfajjel ta' sittax-il sena, (Dun) Victor Soler, ippreżentalu bukkett fjuri. Il-gvernatur temm iż-żjara tiegħu bi żjara fil-każin tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris fejn ġie milqugħ mill-President is-Sur Carmelo Agius u l-Kumitat.[62]

---

57 Don Antolisei twieled f'Anagni, l-Italja, fil-21 ta' Awwissu 1872. Għall-bidu huwa studja l-mużika ma' missieru Gaetano, mużiċista distint, u aktar 'l quddiem, kompla jistudja waħdu. Kiseb diplomi fil-kompożizzjoni u fil-kant gregorjan mill-Pontificia Scuola Anzoletti u fil-kant korali mil-Liceo S. Cecilia ta' Ruma. Kien direttur tal-iSchola Cantorum u organista tal-Kulleġġ Salesjan Sacro Cuore f'Ruma. Promutur tar-riforma ta' mużika sagra skont il-Motu Proprio ta' San Piju X, Papa, applika in-normi stabbiliti kemm fl-istituzzjonijiet li fihom għallem kif ukoll fil-kompożizzjonijiet tiegħu. Miet fl-1950.

58 Peress li f'Tas-Sliema qatt qabel ma kienet saret attività ta' din ix-xorta, bosta kienu preżenti għal dik l-okkażjoni unika.

59 Dan kien l-aħħar sett ta' qniepen li sar qabel faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Kellhom jgħaddu 10 snin biex il-poplu Malti reġa' dawwar ħarstu lejn il-qniepen. Din id-darba, mhux mill-Italja, imma mill-Ingilterra u għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija. (Tagħrif mgħoddi mis-Sur Kenneth Cauchi)

60 Kienet biċċa xogħol li wieħed ma jiltaqax magħha kuljum; iżda bil-għajnuna ta' mijiet ta' rġiel li kienu fuq il-bejt, il-qanpiena ttellgħet bejn iż-żewġ kampnari, fejn taħt it-tmexxija ta' Salvatore Calleja u ta' Filippu Sammut - magħruf bħala il-Lupu, (li f'Jannar tal-1932 kien inkarigat mit-tlugħ tal-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara) ġiet imdaħħla fil-kampnar tal-lemin, u mdendla ma' travu mħejji apposta. (Busietta, M., Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, Malta, 1978, p. 62)

61 Il-Berqa, 16 ta' Awwissu 1937, p. 8; Daily Malta Chronicle, 23 ta' Awwissu 1937, p. 3; Leħen is-Sewwa, 17 ta' Awwissu 1937, p. 5.

62 Naudi, H., Banda Stella Maris: mitt sena ta' storja, Malta, 2014, p. 85 u Manduca, J., The Bonham Carter Diaries 1936-1940, Malta, 2004, p. 203.



L-aħħar snin ta' Capurro bħala Kappillan kien żmien ta' kalma qabel it-tempesta. Sħab oskur kien qed jintlemaħ fuq xefaq l-orizzont u riesaq lejn gżirijietna. Fl-1 ta' Settembru 1939 fl-Ewropa bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. F'Ottubru, il-Gvern Kolonjali beda jwaqqaf xi kumitati distrettwali; dak tal-Parroċċa ta' Stella Maris kien presedut mill-Kappillan Capurro.[63] Meta f'Ġunju 1940 l-Italja daħlet fil-gwerra, fuq pajjiżna bdew jaqgħu l-bombi li ġabu ħerba liema bħalha, mewt u niket. Tas-Sliema, bħal inħawi oħra ta' Malta, kienet riesqa lejn il-kalvarju tagħha!

**Monsinjur tal-Katidral**

F'Lulju tal-1940, il-Kappillan Capurro, wara 21 sena ta' ħidma pastorali fost is-Slimiżi, ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral ta' Malta. Għaldarboħra, Dun Amadeo Bonello[64] reġa' ġie maħtur Vigarju Kurat sakemm ġie maħtur kappillan ġdid.[65]

Wara li kien laħaq Monsinjur, Dun Rafel xorta baqa' jgħix f'Tas-Sliema.[66] F'dan iż-żmien tiegħu bħala Monsinjur, Capurro baqa' għaddej b'dik il-kwalità li għaliha kien tant rinomat - il-predikazzjoni. Fiż-Żurrieq, nhar il-25 ta' Novembru 1945, huwa għamel paneġierku li baqa' jissemma.[67] Fit-8 ta' Settembru 1948, Mons. Capurro niseġ il-paneġierku f'belt twelidu waqt pontifikal sollenni f'jum il-festa tat-Twelid ta' Marija Bambina.

Fl-1962, wara l-mewt ta' Mons. Ġużeppi Apap Bologna fit-22 ta' Diċembru 1962, Mons. Capurro ġie maħtur Arċidjaknu tal-Katidral. Il-21 ta' Settembru 1965 kien jaħbat l-ewwel anniversarju mill-għoti tal-Indipendenza lil Malta. Dakinhar, fost ċelebrazzjonijiet oħra, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, ġiet iċċelebrata quddiesa bit-Te Deum minn Mons. Arċidjaknu Rafel Capurro li għaliha attendew l-ogħla awtoritajiet ċivili u reliġjużi tal-pajjiż.[68]

63 Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Diċembru 2007, p. 17.

64 It-twajjeb Dun Amadeo kien saċerdot verament maħbub u qaddis li għex u miet fqir fil-11 ta' Lulju 1950. Sa minn meta ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1907, huwa kien konfessur assidwu u baqa' jaqdi lill-parroċċa bħala Viċi-Parroku għal 43 sena sħaħ. (Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Awwissu 2006, p. 6)

65 Nhar l-1 ta' Frar 1942, saret iċ-ċerimonja tal-pussess ta' Dun Ġużepp Inguanez bħala t-tielet Kappillan tal-Parroċċa Stella Maris. Minħabba l-gwerra, iċ-ċerimonja saret f'forma ridotta. Il-wasla ta' Dun Ġużepp lura f'raħal twelidu bħala kappillan tal-parroċċa fejn twieled (fit-28 ta' Novembru 1907) u trabba, imliet bil-ferħ lis-Slimiżi, li dik il-ħabta kienu jinsabu demoralizzati minħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra. Tajjeb jingħad ukoll li eżatt tlettax-il ġurnata wara, fis-sagristija tal-knisja (jew aħjar fl-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù) kienet saret taħt forma strettament privata ċ-ċerimonja tal-pussess tal-Kanonku Dun Pawl Galea bħala Arċipriet tal-Birgu. Peress li l-Birgu kien jinsab taħt assedju kontinwu, l-Arċisqof kien ħareġ digriet biex iċ-ċerimonja tinżamm kemm jista' jkun 'l bogħod mill-periklu. (Bisazza, J., "Ftit Storja dwar il-Knisja," f'Parroċċa Stella Maris, Sliema, Awwissu 2008, p. 15)

66 F'kantuniera ma' Triq Santa Margerita, wieħed jara żewġt idjar bl-isem Estia u Vesta. Għal numru ta' snin fl-ewwel dar kien jogħqod Monsinjur Rafel Capurro. Hu kien ta' spiss iżur il-knisja ta' Stella Maris fejn kien jinġabar fil-kor jirreċita t-talb il-Liturġija tas-Sigħat, magħrufa aħjar bħala l-Brevjar.



Bla ebda dubju, jekk fost il-poplu Malti, Mons. Capurro baqa' rinomat għall-oratorija li biha kien imżejjen, fost 'ħutu' Sengleani, huwa għadu sal-lum imsemmi għad-diskors imqanqal li kien għamel fl-Isla nhar il-25 ta' Awwissu 1957. Dan kien diskors ta' merħba li, f'isem il-poplu Senglean, hu indirizza lix-xbieha grazzjuża ta' Marija Bambina fil-waqt tar-ritorn tagħha lejn il-Bażilika ddedikata lilha.[69]

Mons. Capurro beda b'dawn il-kelmiet: "Ċkejkna Bambina tagħna, merħba bik. U b'liema ħeġġa ta' ferħ qiegħed insellimlek ... ta' ferħ li qatt ma ħassejt bħalu f'ħajti ... U b'din it-tislima ara u ilqa', f'din is-siegħa sollenni ta' entużjażmu devot, reliġjuż u partijottiku, it-taħbita l-iżjed qawwija ta' qalbna, tagħna s-Sengleani, is-sopiri ta' sidirna, il-hena ta' ruħna. Ċkejkna Bambina tagħna, merħba bik! Għaxqa tas-sema, teżor tas-Santissima Trinità, Glorja tal-Knisja Universali, ġieħ tal-umanità, hena ta' Malta, ġojja tal-Isla."

Huwa kompla d-diskors tiegħu billi żvolġa l-istorja tal-knisja. Iżda fost aktar entużjażmu, huwa temm id-diskors tiegħu b'dawn il-kelmiet: "U issa lilek, ja ċkejkna Bambina tal-Vitorja, ilqa' t-tislima sinċiera tiegħi, wieħed minn uliedek, li twelidt u ġrejt ma' dawn it-toroq, trabbejt u għaddejt żgħożiti, tpaxxejt għall-ewwel darba bil-ħobż tas-sema, irċevejt il-konsagrazzjoni saċerdotali taħt l-għajnejn u l-mant tiegħek, li dejjem żammejtek f'qalbi, qalbi ta' Senglean, illum, mgħobbi biż-żmien, qrib lejn il-fossa tal-qabar. Ħallini qabel ma ngħid in-Nunc Dimittis, ħallini jkolli x-xorti li ngħidlek: 'Ċkejkna Bambina tagħna, dan it-tempju Bażilika, dan it-tempju Santwarju, dan it-tempju ġdid, ikkonsagrat mill-ġdid, huwa lest, idħol ja Bambina fost it-trijonfi ... Saltan minn fuq dan it-tron, O Marija ... Orbotna, orbotna ma' qalbek, aħna lkoll uliedek. Ma nistax inżomm iżjed, Marija Santissima, bil-ħerqa li qed inħoss f'qalbi. Idħol trijunfanti fost l-għajat ta' Viva l-Bambina.'"

[67] Waqt pontifikal ċċelebrat minn Mons. Giovanni Battista Ghigo, ex-Arċipriet taż-Żurrieq, u fil-preżenza ta' Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, li kien qed jassisti mit-tron, Mons. Capurro fetaħ dan il-paneġierku bil-kelmiet Catharinae Vox Triumphum. (Mangion, A. u Zerafa, K., Santa Katarina: Il-Festa u s-Soċjeta Mużikali tagħha fiż-Żurrieq, Malta, 1989, p. 178)

[68] Leħen is-Sewwa, 23 ta' Settemrbu 1965, p. 1.

[69] Tul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-Kolleġġjata – Bażilika tal-Isla sofriet bil-kbir. Wara l-attakki ta' Jannar 1941, l-istatwa tal-Bambina ġiet mogħtija kenn fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Waqt purċissjoni fl-Isla bl-istess statwa tal-Bambina nhar it-8 ta' Settembru 1943, waslet l-aħbar tant mistennija li l-Italja Faxxista kienet ċediet u dan kien ifisser li l-gwerra, għal Malta, kienet intemmet. Mis-sena 1944 sas-sena 1957, il-knisja ta' Sidtna Marija t-Porto Salvo, fl-Isla, li ħelsitha mit-tifrik tal-gwerra serviet bħala parroċċa. F'dawn is-snin, u sakemm il-Bażilika ġiet mibnija mill-ġdid, l-istatwa tal-Bambina nżammet ukoll f'din il-knisja. Il-Bażilika ġiet ikkonsagrata mill-ġdid nhar l-24 ta' Awwissu 1957 u l-għada, laqgħet fiha lill-istatwa tal-Bambina. (Bonnici, A., L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina, Vol. III, Malta, 1991, p. 308-368)



## Imut lejlet l-Imnarja

Fil-Vġili tal-Sollennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl, 28 ta' Ġunju 1966, fl-Isptar Blue Sisters, fis-1.10 p.m., Mons. Rafel Capurro miet fl-età ta' 86 sena. Il-funeral tiegħu sar fit-30 ta' Ġunju, fit-8.30 a.m., fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor, Tas-Sliema.[70] Id-difna saret fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, fl-10.30 a.m., fil-qabar Lvant Div. Z – Komp. I – Nru. 1.[71]




*Il-qabar fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata fejn il-fdalijiet mortali ta' Mons. Capurro illum jinsabu flimkien ma' dawk tal-ġenituri tiegħu.*

[70] Il-mewt tiegħu tħabbret fil-ġurnal Times of Malta, 29 ta' Ġunju 1966, p. 8; L-Orizzont, 29 ta' Lulju 1966, p. 1 u Leħen is-Sewwa, 2 ta' Lulju 1966, p. 5.

[71] Dan il-qabar kien inxtara minn Felice Gulia minn Bormla fl-4 ta' Ġunju 1919. Il-parti indikata bin-numru 1 ġiet mgħoddija lil Mons. Capuro fil-11 ta' Ottubru 1919. L-ewwel difna f'dan il-qabar saret fl-1 ta' Awwissu 1929 u kienet it-trasport ta' Giovanni u Carmela Capurro, missier u omm il-Monsinjur. Għaldaqstant, l-unika u l-aħħar difna f'dan il-qabar kienet dik ta' Mons. Capurro. (Arkivju Ċimiterju Santa Marija Addolorata)



Epitaff bil-Latin minqux fuq l-irħama bajdanija li tissiġilla l-qabar ta' Mons. Capurro jaqra hekk: SUB UMBRA ALARUM ANGELI DEI / QUIESCUNT IN PACE CHRISTI JESU / CUJUS CONSACRATI SINUM COLUERUNT / JOANNES ET CARMELA CAPURRO / CONJUGES CONCORDISSIMI / DOMO SENGLEA INCOLAE SAPIENTES / PIETATIS EXIMII INSIGNIS PROBITATIS / CLARA PRAEBUERUNT EXEMPLA / EX HAC VITA MIGRARUNT / ALTER PRID[IE] KAL[ENDAS] OCT[OBRES] MCMXIII / ANNOS NATUS LXVI / ALTERA DECIMO KAL[ENDAS] SEXTILES MCMXVIII / VERTENTE ANNO LXI AET[ATIS] SUAE / PARENTIBUS OPTIMIS INDULGENTISSIMIS / RAPHAEL FILIUS / SLIEMAE IN M[ATRICE] MARIS STELLAE / SEPULCHRUM ET TITULUM / LUGENS POSUIT / AUDI PIE IESU DOMINE / PRECES NOSTRAS CUM FLETIBUS / DONA EIS REQUIEM SEMPITERNAM.[72]

Għeluq

Mons. Rafel Capurro kien Kappillan ħabrieki, predikatur elokwenti u konfessur imfittex. Tela' fuq il-pulpti kollha u saħħar bil-kelma soda u persważiva tiegħu. Huwa kien ukoll kittieb ta' kitba soda u ċara. Ftit huma l-kotba li ppubblika imma numerużi huma l-artikli li hu kiteb, l-aktar f'Leħen is-Sewwa. Is-suġġetti li kien jagħżel kienu kollha ta' attwalità.

Wieħed li jqalleb il-Leħen is-Sewwa sa mill-bidu tiegħu fl-1928, jiltaqa' ma' ftit artikli taħt l-isem ta' Mons. Rafel Capurro. Iżda bosta huma dawk il-kitbiet tiegħu taħt nome-de-plum. Għadd kbir ta' artiklu kienu jidhru taħt l-isem ta' Azaria u oħrajn taħt l-isem ta' Viator.[73]

Mons. Capurro ħabb u ħadem għall-Knisja b'imħabba sinċiera. Dejjem iddefenda, bil-kelma u bil-pinna qawwija tiegħu, lill-Papa u lill-Isqfijiet. Jixraq għalhekk li aħna, li qed ngħixu llum, u li qed ingawdu mill-ħidma sfieqa ta' Mons. Capurro, induru lejh u nuruh sens ta' gratitudni f'dan il-ħamsin anniversarju mid-dħul tiegħu fl-eternità.

72 Bil-Malti jinqara hekk: "Ġwanni u Karmela Capurro, miżżewġa fl-ikbar għaqda, abitanti għorrief minn Senglea, qegħdin jistrieħu taħt id-dell tal-ġwienaħ tal-anġlu ta' Alla fil-paċi ta' Kristu Ġesù, li, ikkonsagrati lill-qalb tiegħu, kienu jweġġħu. Huma wrew eżempji sodi ta' devozzjoni straordinarja u onestà speċjali. Ħallew din il-ħajja, wieħed fit-30 ta' Settembru, 1913, ta' 66 sena, l-oħra fit-23 ta' Lulju, 1918, hekk kif għalqet il-61 sena. Rafel, binhom, (li jgħix) f'Tas-Sliema fil-(Parroċċa) Matriċi ta' Stella Maris, għamel b'sogħba (dan) il-qabar u skrizzjoni għall-wisq twajba (u) għeżież ġenituri (tiegħu). Isma', Twajjeb Sinjur Ġesù, talbna bl-ilfiq, agħtihom il-mistrieħ ta' dejjem." (Ħajr lill-Profs. Oratio C. Vella għal din it-traduzzjoni) Ġwanni Capurro miet ta' 66 sena f'nru. 12, Strada Santa Maria, Ħal Safi, fis-6.00 p.m. u ġie midfun fil-knisja tal-istess raħal fil-qabar nru. X. (Parroċċa Safi, Liber Defunctorum, Vol. IV, p. 20-21) Carmela mietet ta' 61 sena fl-istess residenza f'Ħal Safi fit-3.00 p.m. u ġiet midfuna fl-istess qabar nru. X fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal. (Parroċċa Safi, Liber Defunctorum, Vol. IV, p. 56) Hawn wieħed irid jinnota li filwaqt li fuq il-qabar, id-data tal-mewt tal-omm hija mniżżla li seħħet fit-23 ta' Lulju 1918, fl-arkivju parrokkjali ta' Ħal Safi, ġiet imniżżla li seħħet fit-23 ta' Awwissu 1918. Fir-Reġistru Pubbliku, data tal-mewt ta' Carmela taqbel sewwa ma' dak li hemm fir-reġistri tal-parroċċa ta' Ħal Safi (Att tal-Mewt 3601/1918). Dan ifisser li fl-epitaff fuq il-qabar, hemm żball f'dan ir-rigward.

73 Leħen is-Sewwa, 2 ta' Lulju 1966, p. 5.